Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 81
# It-Tlieta 25 ta' Settembru 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier < Hareg 6:50 >
Emanuel Brincat – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier  <Dahlet 6:45 pm >

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Lino Bartolo - Kunsillier
Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku

## ASSENTI

Alan Abela Wadge – Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 81.1 Qari ta’ l-ittri ta’ apoloġija;

81.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras,li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

81.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Lino Bartolo ,li talab li jkun skużat minħabba s-safar .

81.1.03 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

Nota Il-Kunsillier Alan Abela Wadge bagħat messaġġ li ma jistax jattendi fit-08:00 ta' filgħaxija wara li l-laqgħa kienet spiċċat fi 08:00 .Dan ma jistax jiġi aċċettat bħala ittra ta'apoloġija.

### 81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

81.2.01 Il-minuti ta’ Seduta L7-80 ttieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

81.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill AKL dwar il-Local and Regional Integration Project

81.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari AKL 2018/10 dwar il Press Conference Inizjattiva Bżieżaq fejn il-kunsill lokali L-Imsida se jkun wieħed mill firmatarji tal-ftehim.

81.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja tal-Ittra li mibgħuta lir-Residenti ta Triq D'Argens dwar ix-xogħolijiet li għandhom jibdew.

### 81.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

81.4.01 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk intbagħtet ittra lil l-ispettur dwar xi karozzi pparkjati ġo triq waqt il marċ tal-festa
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li għadu ma kitibx minħabba li l-ispettur marret ġo lokal ieħor u għadu qed jistenna li jkun hawn spettur ġdid.

81.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar triq l-Università fejn u il-konfini bejn Msida mal-Gżira

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minkejja li il-konfini juru Gżira l-Id cards huma Msida u sakemm din tkun ċara dik il parti mit-triq li tidher fil konfini tal-Gżira xorta se tingħata is-servizzi mil l-Imsida.

81.4.03 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar shifting ta' bozza ġo Rue D'Argens.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hemm bżonn il kunsens ta' sid il-ħajt tal-binja fejn propost ssir shifting.
Is-Sur Maurice Agius ftiehem mas-Segretarju Eźekuttiv biex imorru u jkellmu sid tal-binja qabel ma' ssir applikazzjoni.

81.4.04 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar ir-rampa li saret fi-triq il-Prinċipessa Margaret.

Is-Sur Emanwel Brincat wieġeb li din għandha permess tal- PA biss jaqbel li tissejjah laqgħa mal-perit u rappreżentant tal-KMPD .

81.4.05 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar rimi ta'żibel ġo għelieqi fejn l-NSTS.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li se jitlob biex imorru ufficjali tal-cleansing ma' warden forsi jaqbdu lill xi ħadd fil-fatt biss ma'jistax jibgħat lill ħadd ġo art privata.

81.4.06 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar l-istat tar-rampi li jagħtu għall-skate Park biex forsi ssir xi haġa għax jiżolqu.
Is-Sindku qalet li nistgħu nibghatu lill ħaddiema biex il-wiċċ tiġi trattat bl-aċidu ħalli ma jibqax jiżloq.

81.4.07 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar l-abbużi ta'rimi u ħmieġ minn barranin li jinġabru jixorbu fil-Ġnien ta' Victor Denaro u dawra tiegħu.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li kemm il-darba sar tindif mil-ħaddiema u anke bagħat lill kuntrattur fi ġranet li Triq ma tkunx skedata għat-tindif. Filwaqt li l-kunsilliera kienu kollha ikkupjati bil-korrispondenza li saret mal-Pulizija u LESA biex jieħdu azzjoni. Hawn kompla jispjega li dawn l-abbużi qed isiru ġo postijiet oħra fl-Imsida u hemm aktar 'il quddiem fl-Aġenda diskussjoni u proposti ta' Bye Law għall konsum Alkoħoliku fit-toroq u żoni pubbliċi.

81.4.08 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa fuq l-ammont ta' boroż suwed li jibqgħu barra u talab biex isir aktar infurzar.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li minkejja qed isir sforz bl-infurzar darbtejn fil-ġimgha għall 4 siegħat kull darba fejn jinqabdu nies u jeħlu multi il-kunsill ma daħħal xejn minn dawn il-multi u ma hux f'pożizzjoni li jitlob u jħallas għal aktar siegħat u ġranet.

81.4.09 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar rapporti ta'cockroach fi Triq San Lwiġi.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li ma jaf bl-ebda rapport iżda wirdien u cockroch normalment ikun ġo binnijiet fejn hemm kartun , injam u ħitan tal-gypsum u mhux fi-triq. Jekk jingħata id-dettalji ta' fejn hemm dawn jibgħat ir-rapport għall-attenzjoni tas-sanità.

81.4.10 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar ir-residential parking.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-pożizzjoni tal-Gvern għada l-istess u kollox miżmum.

81.4.11 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-pletform li hemm ġo Triq il-Parroċċa u MC bay bejn dawn it-tnejn li qed ikun kappara u ma jistax jintuża.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li se jikteb lill-Assistent Kumissarju biex jivverifikaw u fejn hemm bżonn tittieħed azzjoni.

81.4.12 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-proġett tal-Housing fi Triq il-Wied u kemm se jdum biex jitlesta u dwar il-bankina temporanja li saret minħabba dan il-proġett għax perikoluża.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li beda x-xogħol tal-piling iżda ma hemmx ħjiel meta il-proġett se jkun lest. Filwaqt li dwar il-bankina saru bosta talbiet minnu u Segretarju Eżekuttiv biex titranġa u mnaddfa fdalijiet ta kostruzzjoni filwaqt li jsiru marki indikattiv ħalli ma jkunx hemm periklu.

81.4.13 Is-Sur Emanuel Brincat talab biex ssir rapport lill-LESA dwar il-konġestjoni ta' kuljum mil-coaches u karozzi fejn St.Martins College.
Is-Segretarju wieġeb li se jibgħat lill-LESA biex jieħdu ħsieb jibgħatu uffiċjali għal xi ħin kuljum bħal ma' ġieli għamlu.

## 81.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

81.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill-kunsilliera preżenti li ir-residenti qed jagħmlu bosta ilmenti fuq problema li ġiet nnotata li qed tikber ġo diversi partijiet ġo l-Imsida ta' numru ta'barranin li ta'kuljum qed jiltaqgħu ġo żoni pubbliċi u jikkunsmaw alkoħol flok imorru ġo postijiet addattati u qed iħallu numru ta'skart fosthom bottijiet tal-birra u xorb ieħor barra affarijiet ohra.Minkejja li ġa teżisti Bye Law konsum din hija ristretta għal numru żgħir ta' postijiet u ma' tkopri din il-problema għalhekk qed titlob sospensjoni tal-laqgħa ħalli ssir komunikazzjoni ma l-avukat tal-kunsill biex ikun jista' jispjega lill-kunsilliera preżenti fuq il-bye law preżenti u x'hemm bżonn ssir biex din tiġi emendata jew ssir waħda ġdida.

Is-Sur Emanuel Brincat ssekonda is-Sospensjoni u il-kunsilliera preżenti approvaw.

Wara li saret diskussjoni ma' l-avukat il-laqgħa tkompliet fejn il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni oħra fuq il-proposti għall-Bye Law u approvaw unanimament li l-avukat għadu ifassal din il-Bye Law biex wara li tiġi kkunsidrata f'laqgħa oħra tal-kunsill, jekk ikun hemm qbil tiġi approvata u mgħoddija lill Ministru għal l-approvazzjoni tiegħu.

81.5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Ċirkulari DLG 8/2018-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-iskart ta' l-ippakkjar fil-maniġġjar tal-Iskart. LS.549.43 u komunikazzjoni mill ERA dwar ġbir ta'skart tal-borża Griża jew Ħadra u ġbir mill Bring in sites fejn spjega li ħarġu struzzjonijiet biex il-kunsilli li għandhom il-kuntratt ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar skadut jew se jispiċċa dawn għandhom jagħmlu sejħa ġdida fuq template provduta mid-dipartiment għall-Kuntratt ta' Konċessjoni għal skemi awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar.Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-kunsill għandu jagħmel din is-sejħa u li ġa pprepara il-kontenut kif mitlub mit-template biex din la tiġi approvata mid-dipartiment biex tiġi pubblikata fuq is-sistema tal-Epps.

Il-Kunsilliera preżenti għamlu xi mistoqsijiet fuq il-kontenut u wara approvaw unanimament li ssir is-sejjaħ

81.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li kif ġa ġie kkonfermat mit-traffic Managment Board fi ħdan Trasport Malta għandu jsir xi xogħol biex jitjiebu il-bankini ġo Triq D'Argens ħalli din tkun tista' tintuża b'żewġ karreġġjati u fl-istess ħin jibqa' il parkeġġ il-ħin kollu. Hawn kompliet tispjega li minħabba nuqqas ta' kuntratturi li jinsabu ingaġġati b'xogħolijiet oħra Infrastruttura Malta għamlu talba biex jekk il-kunsill għandu Perit u kuntrattur dan għandu jekk possibbli jiġi mqabbad biex jagħmel ix-xogħol u tħallas Infrastruttura Malta għax-xogħolijiet.

Is-Sur Charles Selvaggi spjega li għalkemm jaqbel li dan ix-xogħol għandu jsir għandu ċertu riservi dwar li jitqabbad il-kuntrattur mill-kunsill iżda jekk rridu jagħmlu ix-xogħol Infrastruttura Malta.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li kieku kien hemm kuntratturi li jistgħu jagħmlu ix-xogħol dirett għall Infrastruttura Malta kien ikun aħjar, iżda jidher li anke il-parti t'isfel fejn kien miftiehem li ssir il-bus stop se jkun hemm dewmien biex ssir u jekk almenu dawn il-bankini ikunu lesti, ir-residenti ma jkollhomx problemi minħabba il- ħinijiet ta'parkeġġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ġiet preparata ittra għar-residenti li għandu ssir dan ix-xogħol biss minkejja li l-kuntrattur tal-kunsill ġie mgħarraf u aċċetta li jagħmel ix-xogħol għadu qed jistenna il-konferma bil-miktub li Infrastruttura Malta se tieħu ħsieb il-ħlas ta' xogħol.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li l-perit ġa ġiet fuq il post u qed tipprepara il-BOQ ta'xogħol u ma' dan għandu ikun hemm inkluż l-spejjez tal-perit u uffiċjali ta'traffiku fejn ikun hemm bżonn.
Is-Sur Maurice Agius qal, li qabel ma jkun hemm din il-konferma ix-xogħol ma għandux jibda.
Il-kunsillier preżenti iddiskutew u approvaw li sakemm Infrastruttura Malta tikkonferma bil-miktub u tawtorizza il-ħlas ta'xogħol dan għandu jsir.

81.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-attivitajiet Sajf fil-Pjazza waslu fil-qofol tagħhom u tat rendikont ta' kif marru l-attivitajiet u irringrazzjat lill voluntiera kollha u pproponiet biex tintbagħat ittra uffiċjali ta'ringrazzjament liż-żagħżagħ tal-Banda Melita li dejjem kienu hemm biex jgħinu fl-armar u żarmar waqt l-attivitajiet.

Is-Sur Charles Selvaggi ssekonda lis-Sindku u l-kunsilliera preżenti approvaw li tintbagħat ittra uffiċjali ta' ringrazzjament li-Żgħażagħ ta' l-għaqda tal-Banda Melita San Ġuzepp.

81.5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li matul ix-xhur ta' Jannar u Mejju kien hemm xi żbalji fir-rata li għandu jithallas is-Segretarju Eżekuttiv tas-Swatar u wara numru ta' korrispondenza bejn dawk konċernati u fosthom talba mic-Chair person tal-kumitat amministrattiv Swatar li qed jgħid li dan qed jagħmel 12 'il siegħa u għandu jingħata aktar ħlas. Il-Kunsill Lokali ma rċieva l-ebda awtorizzazzjoni biex dan jitħallas aktar min dak awtorizzat mid-dipartiment f'Novembru 2017 ta'10 sieghat fil-ġimgħa.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa kemm kien il-ħlas żejjed u Segretarju Eżekuttiv wieġeb.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li hija tinsab infurmata li sar hlas zejjed b'zbal filwaqt li hemm hafna ammont ta' xoghol fejn jidħol rapporti mis-Swatar li ghadu jssir mill Kunsill.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw li sakemm ma jkunx hemm struzzjonijiet oħra mid-dipartiment l-ammont li tħallas żejjed rrid jinġabar lura.

81.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li ddiskutiet mas-Segretarju Eżekuttiv fuq il-ħinijiet ta' ftuħ u servizzi tal-uffiċju u talbet lis-Segretarju Eżekuttiv ikompli jispjega.
Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega lill-kunsilliera preżenti li kif diskuss fil-qosor iżda mhux deċiż fil-laqgħat preċedenti kien hemm il-ħsieb biex jsir tibdil fil-ħinijiet tal-uffiċju biex ikun hemm aktar ħin biex ir-residenti ikunu moqdija. Filwaqt li issa hemm impjegati biżżejjed talab lill-kunsill biex jiddiskuti u jieħu deċiżjoni fuq il-ħinijiet u l-operat tal -uffiċju. Hawn kompla jispjega li waqt l-interviews tal-impjegati ġodda dawn ġa ġew mgħarrfa mill-bord tal-għażla li l-ħinijiet jistgħu jinbidlu filwaqt li qabel ma tispiċċa is-sena il-kunsill għandu jiddeċiedi fuq il-ħinijiet ġodda u dawk tas-sajf sakemm dawn ikunu skond il-ftehim kollettiv.

Is-Sur Maurice Agius qal li jaqbel li għandu ikun hemm bidla fil-ħinijiet mod speċjali fejn jidħlu ċertu servizzi ta'ħlasijiet u staqsa għala mhux qabel l-aħħar tas-sena.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fuq dan ġa sar tibdil żgħir iżda sa l-ahhar tas-sena ma jistax iċċaqlaq il-ħinijiet minħabba li l-ħin tas-sajf ġa inħadem u hemm bżonn jiġi bilanċjat bis-siegħat li fadal sa l-aħħar tas-sena.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa x jgħid il-ftehim kollettiv dwar in-nofs ta' nhar.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hemm indikat Awwissu biss iżda l-Kunsill jista' jiddeċiedi mod ieħor basta jkun osservat dan ix-xagħar.
Is-Sur Emanuel Brincat ippropona li għandu jinħatar kumitat apposta u jiddiskuti il-ħinijiet fil-parametri tal-ftehim kollettiv u regolamenti oħra u wara jippreżenta ir-rakkomandazzjoni għall-kunsill biex japprova.
Is-Sur Charles Selvaggi ssekonda u żied jgħid li wara għanda ssir laqgħa għall-ħaddiema kollha.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u nħatru il-membri minn fost il-kunsilliera għall-kumitat biex jiddiskuti il-ħinijiet u fejn rrid jagħti rakkomandazzjonijiet tiegħu fis-seduta li jmiss.

Maurice Agius
Charles Selvaggi
Emanuel Brincat.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u għandu jsejjaħ laqgħa qabel il-laqgħa tal-kunsill li jmiss.

81.5.07 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Ċirkulari AKL 2018/107 ħlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma fil kunsill u spjega il-kontenut u il-ħlas ta' 50 ċenteżmu fuq kull kont li jitallas il-kunsill.
Il Kunsilliera iddiskutew u staqsew jekk jaqbilx meta diġà hemm servizz fl-uffiċju tal-posta.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ġa għamel kalkolu u wara li ra kemm il-kunsill jista' idaħħal u joħroġ f'servizz ta'sigurtà minħabba ċertu limiti ta' ammonti ta' flus li jistgħu ikunu fil-kunsill jidher li fil-mument dan l-ammont ta'ħlas ma hux biżżejjed biex ikopri dawn l-spejjez minkejja dan jekk ikun hemm il-bżonn għax ir-residenti ma jibqax moqdija minn uffiċju tal-posta fir-raħal u jekk ikun hemm ftehim aħjar dan jista' jekk irid il-Kunsill jiġi kkunsidrat fil-futur.
Il-Kunsilliera preżenti iddeċidew li fil-mument ma jidħlux fil-ftehim u talbu lis-segretarju Eżekuttiv jispjega raġunijiet fit tweġiba.

81.5.08 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda ilment minn dilettant tas-sajd dwar għeluq ta'aċċess għall-karozzi ġo Ġnien ta'Misraħ San Guzepp.
Il-Kunsilliera iddiskutew u ma japprovawx dan ilment fejn reġgħu konfermaw id-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti

### 81.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat

81.6.01 Ma kienx hemm rapporti

### 81.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

81.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-81 < dc 81 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn il-25 ta' Awissu sa 17 ta' Settembru għal l-approvazzjoni tal-membri.

L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat , u ssekondata' mis-Sur Charles Selvaggi.

Skeda ġiet approvata unanimament.

### 81.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

81.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata, għat-Tlieta 30 ta' Ottubru 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 30 ta' Ottubru 2018

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv